MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 388/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kenneth Bellizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kenneth Bellizzi talli fl-14 ta' April 2006 ghall-habta ta' 17:00 hrs f'Misrah is-Saqqajja, Rabat:

(1) Saq il-vettura JAB-195 b'manjiera traskurata;

(2) Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;

(3) Saq l-imsemmija vettura kontra d-direzzjoni tat-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta, u cioe` minn Triq G. Borg Oliver, Rabat;

(4) Saq l-imsemmija vettura fuq il-bankina, liema post huwa riservat bhala zona pedonali.

Il-prosekuzzjoni tablet li l-imsemmi Kenneth Bellizzi jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Novembru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, fin-nuqqas ta' provi, ma sabitx lill-imsemmi Kenneth Bellizzi hati u lliberatu mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu;
Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-11 ta' Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant Avukat Generali huwa illi l-ewwel Qorti kellha provi sufficjenti bl-affidavit ta' P.C. 672 biex issib il-htija. L-affidavit fih innifsu hu prova kompleta u dak li ntqal fih ma giex kontradett.

L-aggravju ta' l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi li, f'dan il-kaz jikkonsistu unikament f'dak li qal P.C. 672 Emanuel Muscat fl-affidavit tieghu. Ghal xi raguni mhux maghrufa, jidher illi P.C. 672 ikkonferma l-istess dikjarazzjoni tieghu bil-gurament darbtejn – fid-9 ta' Awissu 2006 (a fol. 8) u fil-5 ta' Settembru 2006 (a fol. 7). Kull ma jghidu dawn iz-zewg affidavits qieghed jigi hawn riprodott bl-izbalji kollha grammatikali u fl-ortografija:

"FIL 14/04/06 GHALL HABTA TA 5.00pm BELLIZZI KENNETH SAQ VETTURA JAB195 B'MANJIRI TRASKURATI U PERIKOLUZI FUQ BANKINA MITA KIEN HEMM IN NIES FUQ IL BANKINA F'TRIQ IS SAQQAJA IR RABAT . U SAQ IL VETTURA JAB 195

KONTRA IL ONE WAY F'TRIQ GEORGE BORG OLIVER RABAT . BELLIZZI KENNET GIE IMWAQAF U INFURMAT LI KIEN SA JIENGIB IL QORTI"

Mill-mod kif jinsabu redatti l-imsemmijin affidavits, ma jirrizultax min kienet il-persuna li rat lill-appellat isuq bil-mod indikat fl-affidavits. Jekk kien P.C. 672 Emanuel Muscat, kien imissu qal li kien hu li rah isuq b'dak il-mod. Barra minn hekk fl-ahhar sentenza ta' l-affidavits hemm imnizzel li l-appellat "gie imwaqaf". Minn min? Jekk waqqfu P.C. 672, ghaliex ma qalx li kien hu li waqqfu? Il-mod kif gew redatti l-affidavits ihallu bil-fors dubju f-mohh il-gudikant dwar jekk, wara kollox, kienx l-imsemmi xhud li ra kollox u agixxa kontra l-appellat. Barra minn hekk, filwaqt illi l-akkuza titkellem dwar "Misrah is-Saqqajja", fl-affidavit hemm imnizzel "Triq is-Saqqajja". Ghalhekk ma jistax jinghad illi l-affidavits jippruvaw l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat.

**Din il-Qorti jkollha necessarjament tillamenta mhux biss bil-mod impersonali ta' kif gew redatti l-imsemmijin affidavits izda anke minhabba l-izbalji grossolani grammatikali u sintattici u ta' ortografija u tittama li jittiehdu l-passi opportuni mill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex ma jergghux jingiebu a konjizzjoni taghha affidavits bhal dawn.**

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------